PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2013/0157(COD)**

4.12.2013

# EMENDI
# 300 - 542

**Abbozz ta' rapport**
**Knut Fleckenstein**
(PE521.596v02-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet

Proposta għal regolament
(COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD))



*Magħquda fid-diversità*

AM_Com_LegReport

**Emenda 300**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-fornitur tas-servizz portwarju jista' jirrinunzja d-dritt li jipprovdi servizzi portwarji qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni jekk il-korp kompetenti jaċċerta n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti minimi, in-nuqqas li jiġu ssodisfati l-obbligi kuntrattwali fir-relazzjonijiet mal-korp maniġerjali, jew fil-każ ta' insolvenza jew falliment.*** |

Or. ro

**Emenda 301**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 6* | ***imħassar*** |
| ***Limitazzjonijiet tan-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji*** | |
| ***1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3, il-korp maniġerjali tal-port jista' jillimita n-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju għal servizz portwarju partikolari għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:*** | |
| ***(a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju u li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika*** | |

***oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;***

***(b) l-obbligi ta' servizz pubbliku kif stipulati fl-Artikolu 8, sakemm in-nuqqas ta' limitazzjoni jista' jostakola t-twettiq tal-obbligi assenjati lil fornituri tas-servizzi tal-port.***

***2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jippubblika kwalunkwe proposta biex japplika l-paragrafu 1 tal-inqas sitt xhur qabel flimkien mar-raġunijiet biex jiġġustifikaha, filwaqt li jagħti lil kwalunkwe parti interessata l-opportunità li tikkumenta fi żmien perjodu raġonevoli.***

***3. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jippubblika d-deċiżjoni adottata.***

***4. Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-Istat Membru jista' jafda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' fornituri tas-servizzi portwarji lil awtorità li hija indipendenti mill-entità tal-ġestjoni tal-port. Jekk Stat Membru ma jafdax l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' fornituri tas-servizzi portwarji lil awtorità bħal din, l-għadd ta' fornituri m'għandux ikun anqas minn tnejn.***

Or. nl

**Emenda 302**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġi pprovdut is-servizz portwarju*** u li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, | (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art**,** diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġu pprovduti servizzi portwarji*** u li l-limitazzjoni hija***, fejn xieraq,*** konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, |

| | |
|---|---|
| kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali; | fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ***relevanti***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux il-portijiet kollha għandhom pjan ta' żvilupp, u fil-parti l-kbira tal-każjiet dan ma jagħmilx referenza għan-numru ta' fornituri ta' servizzi f' żona speċifika.*

**Emenda 303**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġi pprovdut is-servizz portwarju*** u li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali; | (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġu pprovduti servizzi portwarji sikuri, li jirrispettaw l-ambjent, soċjali*** u ***sostenibbli u*** li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa totalment neċessarju li jiġu stabbiliti kriterji għas-servizzi portwarji.*

**Emenda 304**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l- | (a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art**,** diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l- |

| | |
|---|---|
| art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġi pprovdut is-servizz portwarju*** u li l-limitazzjoni hija konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali; | art hija faċilità essenzjali tal-port biex ***jiġu pprovduti servizzi portwarji*** u li l-limitazzjoni hija***, fejn xieraq,*** konformi mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emenda tar-rapporteur, ir-referenza għal kull pjan ta' żvilupp uffiċjali hija sproporzjonata u ma tippermettix li tkopri l-każijiet fejn port ma jkollux pjan ta' żvilupp uffiċjali. Barra minn hekk, dawn il-pjanijiet, uffiċjali jew le, mhux neċessarjament jagħmlu referenza għan-numru massimu ta' fornituri tas-servizzi.*

**Emenda 305**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-iskarsezza tal-ispazju maġenb l-ilma fejn dan jikkostitwixxi element essenzjali tal-kapaċità li jiġi fornut is-servizz portwarju kkonċernat b'mod sikur u effiċjenti;*** |

Or. en

**Emenda 306**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) limitazzjonijiet tas-suq speċifiċi minħabba l-kapaċità ekonomika tal-port;*** |

Or. en

**Emenda 307**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) il-bżonn li jiġi żgurat il-forniment ta' operazzjonijiet portwarji sikuri, siguri jew ambjentalment sostenibbli;*** |

Or. en

**Emenda 308**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-karatteristiċi tat-traffiku portwarju ta' port speċifiku ma jippermettux għal numru kbir ta' fornituri tas-servizzi portwarji f'kundizzjonijiet ekonomikament sodisfaċenti u/jew f'termini ta' sikurezza u kwalità tas-servizz;*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiġġustifika lilha nnifisha.*

**Emenda 309**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-karatteristiċi tat-traffiku fi kwalunkwe port ma jippermettux li aktar minn ċertu numru ta' fornituri ta' servizzi portwarji jkunu jistgħu joperaw bi profitt f'dak il-port fir-rigward ta' dak is-servizz*** |

| | |
|---|---|
| | ***portwarju partikolari;*** |

Or. en

**Emenda 310**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-kapaċità tas-suq mhix adegwata sabiex tiżgura l-preżenza ta' aktar operaturi;*** |

Or. it

**Emenda 311**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-limitazzjonijiet applikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu proporzjonati għar-raġunijiet li fuqhom jiddaħħlu fis-seħħ dawk il-limitazzjonijiet;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu jrid jiżgura li l-korpi maniġerjali tal-portijiet jużaw il-limitazzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu b'mod proporzjonat.*

**Emenda 312**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) is-sikurezza tan-navigazzjoni fil-portijiet u l-ħarsien tal-ambjent;*** |

Or. it

**Emenda 313**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-bżonn li jiġi żgurat it-twettiq ta' operazzjonijiet portwarji sikuri, skont l-aħjar prattika internazzjonali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'servizzi bħal, pereżempju, pilotaġġ portwarju, it-tradizzjoni u l-aħjar prattika huma li l-fornituri jkunu limitati għal wieħed biss. Madankollu, dan ma jfissirx li l-fornituri uniċi ma għandhomx jintgħażlu bi proċedura miftuħa u trasparenti, skont l-Artikolu 7.*

**Emenda 314**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-karatteristiċi tas-suq portwarju ta' port speċifiku, meta dawn ma jippermettux numru kbir ta' fornituri tas-servizzi portwarji ta' kwalità, f'kundizzjonijiet li jiżguraw is-sikurezza, il-kontinwità u l-kwalità tas-servizz;*** |

Or. fr

**Emenda 315**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 7*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura għal-limitazzjoni tan-numru ta' fornituri ta' servizzi portwarji*** | |
| ***1. Kwalunkwe limitazzjoni tan-numru ta' fornituri għal servizz portwarju wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti.*** | |
| ***2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].*** | |
| ***3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].*** | |
| ***4. Il-fornitur jew fornituri magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz portwarju.*** | |
| ***5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.*** | |
| ***6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.*** | |

***7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …./….[konċessjonijiet] , id-Direttiva …./….[utilitajiet pubbliċi] u d-Direttiva …./….[akkwisti pubbliċi]***

---

***Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM 2011) 897 finali***

***Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM/2011/0895 finali)***

***Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti pubbliċi (COM/2011/0896 finali)***

Or. nl

**Emenda 316**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 317**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-*** | ***imħassar*** |

***regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn iċ-ċifri tal-Artikolu 7 jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-konċessjonijiet. Madankollu din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Għalhekk ma tistax tiġi deċiża referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 318**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada, Jarosław Leszek Wałęsa**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*L-attivitajiet tal-investiment portwarju huma intensivi ħafna fl-użu tal-kapital u l-perjodu tar-redditu fuq l-investiment huwa twil ħafna. Ir-rekwiżit li l-aċċess għall-post tan-negozju tal-operatur portwarju jkun temporanjament ristrett taħt konċessjoni jwassal għal waqgħa fil-livell tas-sikurezza tal-investiment.*

**Emenda 319**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jekk il-valur stmat tas-servizz*** portwarju | 2. ***Il-fornitur jew fornituri magħżulin u l-*** |

| | |
|---|---|
| ***jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].*** | ***korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz*** portwarju**.** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The obligation to apply the rules of the forthcoming Directive on the award of concessions for all selection procedures in case of limitation of service providers, regardless whether port service contracts are concessions in the meaning of the Directive, will result in additional and unnecessary administrative bureaucracy. The requirement that a selection procedure must be open to all interested parties, non-discriminatory and transparent should be a guarantee for an open market without imposing unnecesary burden on all actors. When contracts are effectively concessions (or public contracts), then relevant legislation on these instruments does apply.*

**Emenda 320**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 321**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti*** | ***imħassar*** |

***u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn iċ-ċifri tal-Artikolu 7 jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-konċessjonijiet. Madankollu din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Għalhekk ma tistax tiġi deċiża referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 322**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada, Jarosław Leszek Wałęsa**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*L-attivitajiet tal-investiment portwarju huma intensivi ħafna fl-użu tal-kapital u l-perjodu tar-redditu fuq l-investiment huwa twil ħafna. Ir-rekwiżit li l-aċċess għall-post tan-negozju tal-operatur portwarju jkun temporanjament ristrett taħt konċessjoni jwassal għal waqgħa fil-livell tas-sikurezza tal-investiment.*

**Emenda 323**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-limitu u l-metodu*** ta' ***determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].*** | 3. ***Il-paragrafi 1 u 2*** ta' ***dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The obligation to apply the rules of the forthcoming Directive on the award of concessions for all selection procedures in case of limitation of service providers, regardless whether port service contracts are concessions in the meaning of the Directive, will result in additional and unnecessary administrative bureaucracy. The requirement that a selection procedure must be open to all interested parties, non-discriminatory and transparent should be a guarantee for an open market without imposing unnecesary burden on all actors. When contracts are effectively concessions (or public contracts), then relevant legislation on these instruments does apply.*

**Emenda 324**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Il-fornitur jew fornituri magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz portwarju***. | 4. ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …./…. [konċessjoni], id-Direttiva ..../....[utilitajiet pubbliċi] u d-Direttiva .../... [akkwisti pubbliċi]*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The obligation to apply the rules of the forthcoming Directive on the award of concessions for all selection procedures in case of limitation of service providers, regardless whether port service contracts are concessions in the meaning of the Directive, will result in additional and unnecessary administrative bureaucracy. The requirement that a selection procedure must be open to all interested parties, non-discriminatory and transparent should be a guarantee for an open market without imposing unnecesary burden on all actors. When contracts are effectively concessions (or public contracts), then relevant legislation on these instruments does apply.*

**Emenda 325**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn iċ-ċifri tal-Artikolu 7 jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-konċessjonijiet. Madankollu din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Għalhekk ma tistax tiġi deċiża referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 326**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada, Jarosław Leszek Wałęsa**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*L-attivitajiet tal-investiment portwarju huma intensivi ħafna fl-użu tal-kapital u l-perjodu tar-redditu fuq l-investiment huwa twil ħafna. Ir-rekwiżit li l-aċċess għall-post tan-negozju tal-operatur portwarju jkun temporanjament ristrett taħt konċessjoni jwassal għal waqgħa fil-livell tas-sikurezza tal-investiment.*

**Emenda 327**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. It-tul tal-kuntratt tas-servizz portwarju għandu jkun limitat. Il-korp maniġerjali tal-port jew, fejn xieraq, l-awtorità kompetenti, jistabbilixxi dan it-tul ta' żmien billi jibbaża fuq in-natura u d-destinazzjoni tas-servizz li jkunu soġġetti għall-kuntratt. Il-kalkoli għandhom ikunu bbażati fl-istess ħin fuq l-investiment inizjali u fuq l-investimenti mwettqa matul il-kuntratt kollu.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emenda tar-rapporteur, huwa importanti li jiġi ppreċiżat li t-tul tal-kuntratt għandu jqis ukoll in-natura u d-destinazzjoni tas-servizz ikkonċernat, minħabba li ċerti servizzi li jippreżentaw speċifiċitajiet partikolari. Pereżempju, il-funzjonament u l-ammortizzazzjoni ta' terminal taż-żejt huma differenti ħafna minn dawk ta' terminal tal-passiġġieri, u għalhekk teżisti l-ħtieġa li jiġi adottat approċċ differenzjat skont in-natura u d-destinazzjoni tas-servizz inkwistjoni.*

**Emenda 328**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn iċ-ċifri tal-Artikolu 7 jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-konċessjonijiet. Madankollu din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Għalhekk ma tistax tiġi deċiża referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 329**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …./….[konċessjonijiet]*[15] *, id-Direttiva …./….[utilitajiet pubbliċi]*[16] *u d-Direttiva …./….[akkwisti pubbliċi]*[17]** | ***imħassar*** |

***[17] Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti pubbliċi (COM/2011/0896 finali)***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn iċ-ċifri tal-Artikolu 7 jikkonċernaw id-Direttiva dwar il-konċessjonijiet. Madankollu din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Għalhekk ma tistax tiġi deċiża referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 330**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Id-durata tal-kuntratti dwar servizzi portwarji għandha tkun proporzjonali għall-investimenti li saru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The obligation to apply the rules of the forthcoming Directive on the award of concessions for all selection procedures in case of limitation of service providers, regardless whether port service contracts are concessions in the meaning of the Directive, will result in additional and unnecessary administrative bureaucracy. The requirement that a selection procedure must be open to all interested parties, non-discriminatory and transparent should be a guarantee for an open market without imposing unnecesary burden on all actors. When contracts are effectively concessions (or public contracts), then relevant legislation on these instruments does apply.*

**Emenda 331**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Obbligi ta' servizz pubbliku*** | |
| ***1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu fuq il-fornituri obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji biex jiżguraw li:*** | |
| ***(a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena;*** | |
| ***(b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha;*** | |
| ***(c) l-affordabbiltà tas-servizz għal ċerti kategoriji ta' utenti.*** | |
| ***2. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu definiti b'mod ċar, ikunu trasparenti, nondiskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu aċċess indaqs lill-fornituri kollha tas-servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni.*** | |
| ***3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-territorju tagħhom biex jimponu dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jkun l-awtorità kompetenti.*** | |
| ***4. Meta l-awtorità kompetenti maħtura skont il-paragrafu 3 ma tkunx l-istess bħall-korp maniġerjali tal-port, dik l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kompetenzi stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 rigward il-limitazzjoni tan-numru ta' fornituri ta' servizzi portwarji abbażi tal-obbligi tas-servizz pubbliku.*** | |
| ***5. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi obbligi ta' servizz pubbliku fil-portijiet marittimi kollha permezz ta' dan ir-Regolament fi Stat Membru, għandha*** | |

***tavża lill-Kummissjoni b'dawn l-obbligi.***

***6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.***

Or. nl

**Emenda 332**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena; | (a) id-disponibbiltà tas-servizz bla interruzzjoni binhar, billejl, tul il-ġimgħa u s-sena***, anke għal raġunijiet ta' sikurezza***; |

Or. it

**Emenda 333**
**Georgios Koumoutsakos, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha; | (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha***, fejn xieraq bl-istess termini***; |

Or. en

**Emenda 334**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha; | (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha***, fejn xieraq bl-istess termini***; |

Or. en

**Emenda 335**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha; | (b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha ***u fuq kull post ta' rmiġġ***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġi ppreċiżat li l-obbligu ta' servizz pubbliku għandu jkun ibbażat fuq servizz disponibbli, universali u kontinwu. Dan jippermetti wkoll li jiġi evitat li ċerti fornituri joperaw biss fuq is-segmenti jew il-postijiet ta' rmiġġ l-aktar produttivi.*

**Emenda 336**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***l-affordabbiltà*** tas-servizz ***għal ċerti kategoriji*** ta' utenti. | (c) ***l-aqwa affordabbiltà*** tas-servizz ***għall-kategoriji potenzjali kollha*** ta' utenti. |

Or. it

**Emenda 337**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) il-protezzjoni ambjentali u s-sigurtà tal-port u tal-attivitajiet portwarji;*** |

Or. it

**Emenda 338**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) is-sikurezza, is-sigurtà jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjonijiet portwarji;*** |

Or. en

**Emenda 339**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) is-sigurtà u s-sikurezza marittimi, u l-missjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent fil-portijiet u fid-dħul tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 340**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(cb) il-forniment ta' servizzi tat-trasport adegwati lill-pubbliku;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ewlieni tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport huwa li jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, billi fost l-oħrajn jippermettu l-mobbiltà mingħajr problemi, sikura u sostenibbli tal-persuni u l-merkanzija, filwaqt li jiżguraw aċċessibbiltà u konnettività għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inklużi r-reġjuni mbiegħda, maqtugħa u ultraperiferiċi.*

**Emenda 341**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. | 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. ***L-azzjonijiet kollettivi ma għandhomx jiġu inklużi fost l-avvenimenti li għalihom jittieħdu miżuri ta' emerġenza.*** Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. |

Or. en

**Emenda 342**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l- | 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l- |

| | |
|---|---|
| awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. | awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza ***filwaqt li jiġu rispettati b'mod strett ir-regoli nazzjonali relevanti f'termini ta' drittijiet soċjali***. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-miżuri ta' emerġenza jidhru bħala ħtieġa għall-iżgurar tal-kontiwità tas-servizz pubbliku, id-dritt tal-istrajkjar jagħmel parti mid-drittijiet fundamentali f'ċerti Stati Membri u f'dan is-sens ma jistax jiġi mminat mil-leġiżlazzjoni Ewropea.*

**Emenda 343**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. | 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. ***Id-dritt għal negozjar u miżuri kollettivi, inkluż id-dritt għal strajk, mhumiex raġunijiet biex jittieħdu miżuri ta' emerġenza.*** Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-formulazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni tal-UE jidher ċar li huwa kkonċernat it-tentattiv biex jiġi llimitat id-dritt għal strajk, kif diġà kien sar it-tentattiv fil-każ tal-pakkett ferrovjarju bis-"servizzi minimi". It-tentattiv biex tiġi implimentata l-"Monti II Paper" tal-Kummissjoni tal-UE b'dan il-mod jista' jiġi miċħud biss permezz tal-kjarifika fit-test proposta.*

**Emenda 344**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. | 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. ***L-azzjonijiet kollettivi mhumiex inklużi fost l-interruzzjonijiet li għalihom jistgħu jittieħdu miżuri ta' emerġenza.*** Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. |

Or. en

**Emenda 345**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi | 6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi |

| | |
|---|---|
| ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. | ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza ***fejn tiggarantixxi rispett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet soċjali u tax-xogħol, b'mod partikolari d-dritt tal-istrajkjar***. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju skont l-Artikolu 7 jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi spjegat li l-miżuri eċċezzjonali ma jistgħux jippreġudikaw id-dritt tal-istrajkjar.*

**Emenda 346**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-azzjonijiet kollettivi ma għandhomx jitqiesu bħala avveniment ta' interruzzjoni li għalih jistgħu jittieħdu l-miżuri ta' emerġenza.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għalkemm l-azzjonijiet kollettivi jistgħu jikkawżaw interruzzjoni tas-servizzi portwarji, dawn ma jridux jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu, peress li dan jikser l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

**Emenda 347**
**Peter van Dalen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 9*** | ***imħassar*** |
| ***Operatur intern*** | |
| ***1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew timponi dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament.*** | |
| ***2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata.*** | |
| ***3. L-operatur intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port(ijiet) fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.*** | |
| ***4. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni.*** | |
| ***5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva …./….[konċessjoni].*** | |

Or. nl

**Emenda 348**
**Giommaria Uggias**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew timponi dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament. | 1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b) ***biss***, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew timponi dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha teżerċita kontroll simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament. |

Or. it

**Emenda 349**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), l-awtorità kompetenti ***tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija*** stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku jew ***timponi*** dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha ***teżerċita*** kontroll simili għal dak li ***teżerċita*** fuq id-dipartimenti ***tagħha*** stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament. | 1. Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b), ***il-korp maniġerjali tal-port jew*** l-awtorità kompetenti ***jistgħu jiddeċiedu kemm li jipprovdu huma*** stess servizz portwarju skont l-obbligi ta' servizz pubbliku***, permezz ta' aġenti impjegati*** jew ***ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti fejn xieraq, kif ukoll li jimponu*** dawk l-obbligi direttament fuq entità legalment separata li fuqha ***jeżerċitaw*** kontroll simili għal dak li ***jeżerċitaw*** fuq id-dipartimenti ***tagħhom*** stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-estensjoni mir-rapporteur lill-korp maniġerjali tal-port, din l-emenda tiċċara ż-żewġ modi kif is-servizz portwarju jista' jiġi pprovdut mill-awtorità kompetenti, kemm direttament, kif ukoll permezz ta' aġenti impjegati jew ikkummissjonati minnha. Dan jikkorrispondi għad-dispożizzjonijiet tal-Premessa 18 tal-proposta għal regolament.*

**Emenda 350**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata. | 2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata. ***B'mod partikolari, dan jista' jiġri meta (a) id-definizzjoni tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-għażla tal-entitajiet jiddependu mid-determinazzjonijiet tal-awtorità kompetenti; (b) din tal-aħħar għandha setgħa tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attività tal-entità legali kkontrollata jew tal-impjegati tagħha, li taffettwa anke l-ħatra tal-persuni b'setgħa rappreżentattiva u/jew ta' ġestjoni għall-istess entità.*** |

Or. it

**Emenda 351**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità kompetenti ***għandha titqies li qiegħda teżerċita*** kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li | 2. ***Il-korp maniġerjali tal-port jew*** l-awtorità kompetenti ***għandhom jitqiesu li qegħdin jeżerċitaw*** kontroll fuq entità |

| | |
|---|---|
| ***teżerċita*** fuq id-dipartimenti ***tagħha*** stess biss jekk ***teżerċita*** influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti ***tal-entità*** legali ***kkontrollata***. | legalment separata simili għal dak li ***jeżerċitaw*** fuq id-dipartimenti ***tagħhom*** stess biss jekk ***jeżerċitaw*** influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi ***identifikati*** kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti ***dwar is-servizz portwarju kkonċernat meħuda mill-entità*** legali ***kkonċernata***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emenda tar-rapporteur, huwa importanti li jiġi ppreċiżat li entità legalment separata tista' teżerċita numru kbir ta' attivitajiet u li l-kontroll jew id-deċiżjoni importanti inkwistjoni għandha tolqot biss lis-servizz portwarju kkonċernat.*

**Emenda 352**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli, Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata. | 2. L-awtorità kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali kkontrollata. ***B'mod partikolari, dan jista' jiġri meta (a) id-definizzjoni tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-għażla tal-entitajiet jiddependu mid-determinazzjonijiet tal-awtorità kompetenti; (b) din tal-aħħar għandha setgħa tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attività tal-entità legali kkontrollata jew tal-impjegati tagħha, li taffettwa anke l-ħatra tas-suġġetti b'setgħa rappreżentattiva u/jew ta' ġestjoni għall-istess entità.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-intenzjoni tal-kjarifika proposta, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, hija li ssolvi kull ambigwità tat-test fir-rigward tas-setgħa tal-Istati Membri sabiex jidentifikaw liema entitajiet ta' operaturi interni li, għalkemm formalment u sostanzjalment distinti mill-amministrazzjoni pubblika, jiġu kkontrollati minnha abbażi ta' dixxiplina tar-relazzjonijiet tal-entitajiet ma' awtoritajiet pubbliċi li tikkondizzjona l-organizzazzjoni tax-xogħol ta' entitajiet bħal dawn, l-aċċess tal-impjegati tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni interna.*

**Emenda 353**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta korp maniġerjali ta' port iwettaq tħammil fiż-żona tal-port tiegħu b'fondi pubbliċi kif imsemmi fl-Artikolu 12(3), dan ma jistax iwettaq tħammil f'żoni ta'portijiet oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-portijiet li jwettqu t-tħammil tagħhom stess b'fondi pubbliċi ma għandhomx jitħallew joffru s-servizzi ta' tħammil tagħhom lil portijiet oħra sabiex jevitaw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni inġusta ma' impriżi ta' tħammil li ma għandhomx appoġġ pubbliku u jipprovdu aktar trasparenza finanzjarja.*

**Emenda 354**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni. | 4. Jekk***, mingħajr ħsara għall-Artikolu 8(3),*** awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika l-paragrafu 1 fil-portijiet marittimi kollha li jaqgħu taħt dan ir-Regolament fi Stat Membru, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-Emenda sempliċiment isservi biex tiċċara l-affarijiet u tevita n-nuqqas ta' ftehim. L-Artikolu 9(4) jidher li ma jagħtix kas il-fatt li l-korp maniġerjali tal-port jista' jkun ukoll l-awtorità kompetenti. Ir-referenza għall-Artikolu 8(3) tiċċara din il-kwistjoni.*

**Emenda 355**
**Georgios Koumoutsakos, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Pilotaġġ*** |
| | ***Mingħajr ħsara għall-Artikolu 6(1), l-Istati Membri jew il-korpi maniġerjali ta' port jistgħu jillimitaw in-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' pilotaġġ għar-raġuni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, u jikkontribwixxu biex jiżguraw is-sikurezza marittima, is-sigurtà u jipproteġu l-ambjent.*** |
| | ***L-Istati Membri jew il-korpi maniġerjali ta' port jistgħu jqisu l-fornituri ta' servizzi ta' pilotaġġ ipprovduti minn aġenti kkummissjonati minn awtorità kompetenti li nkarigathom bl-obbligi ta' servizzi pubbliċi bħala operaturi interni għall-fini ta' dan ir-Regolament. F'dawn il-każijiet, il-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 7 ma għandhomx japplikaw.*** |

Or. en

**Emenda 356**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** | ***imħassar*** |
| ***Is-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati*** | |
| ***1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri.*** | |
| ***2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.*** | |
| ***3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.*** | |

Or. nl

**Emenda 357**
**Philip Bradbourn, Jacqueline Foster**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** | ***imħassar*** |
| ***Ħarsien tad-drittijiet tal-impjegati*** | |
| ***1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri.*** | |
| ***2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.*** | |
| ***3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu sempliċiment jiddikjara mill-ġdid ir-rekwiżiti legali u jippermetti li port jagħmel dispożizzjoni kuntrattwali dwar it-trasferiment tal-impjegati jekk jagħżel li jagħmel dan u b'hekk għandu jitħalla barra. Barra minn hekk, mhuwiex xieraq li operatur ta' port jitqiegħed fil-pożizzjoni ta' tribunal jew arbitru tal-impjiegi.*

**Emenda 358**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa*** l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. | 1. ***Din id-Direttiva la għandha taffettwa*** l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri ***u lanqas il-ftehimiet kollettivi applikabbli f'dan ir-rigward***. |

Or. fr

**Emenda 359**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. | 1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri***, sakemm dawn ir-regoli huma konformi mar-regoli tat-Trattat tal-UE***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, huwa importanti ferm li r-regoli nazzjonali eżistenti jkunu konformi mar-regoli tat-Trattat tal-UE.*

**Emenda 360**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament ***ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni*** tar-regoli soċjali u tax-xogħol ***tal-Istati*** Membri. | 1. Dan ir-Regolament ***jobbliga r-rispett, tal-anqas, tal-applikazzjoni*** tar-regoli soċjali u tax-xogħol ***tal-Istat*** Membri ***fejn*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinsab il-port**.* |

Or. fr

**Emenda 361**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni tagħti wisq setgħa lill-maniġment tal-port fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi u tirrappreżenta piż għal dawk il-fornituri billi tintroduċi d-dmir tas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema. Id-dispożizzjonijiet attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema (id-Direttiva 2001/23) jidhru li jissalvagwardjaw b'mod adegwat l-interessi tal-ħaddiema.*

**Emenda 362**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn |

| | |
|---|---|
| imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7 ***u l-Artikolu 9***, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. en

**Emenda 363**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***jistgħu*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***għandhom*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. en

**Emenda 364**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji***, inklużi*** dawk ***imbarkati fuq il-bastimenti impjegati għas-servizzi inkwistjoni, dawk*** id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. it

**Emenda 365**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali ***u*** tal-Unjoni, ***inklużi ftehimiet*** kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***jistgħu*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali***,*** tal-Unjoni, ***b'mod partikolari d-Direttivi 2002/14/KE u 2001/23/KE u l-ftehimiet*** kollettivi bejn imsieħba soċjali ***fil-livell Ewropew***, ***nazzjonali, reġjonali jew lokali,*** il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***għandhom*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu ***jirrispetta d-drittijiet f'termini ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema u*** jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad- |

| | |
|---|---|
| | Direttiva 2001/23/KE. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jistax ikun hemm ftuħ tas-suq portwarju mingħajr regoli stretti li jippermettu l-preservazzjoni ta' livell soċjali għoli flimkien mar-rispett tad-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni. Ikun xieraq f'dan il-każ li tiġi ppreċiżata l-applikabbiltà taż-żewġ Direttivi f'dan il-qasam.*

**Emenda 366**
**Phil Bennion**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu ***kuntrattwalment*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. en

**Emenda 367**
**Knut Fleckenstein**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, ***il-korpi tal-ġestjoni tal-*** | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, ***l-Istat Membru għandu*** |

***port jistgħu jitolbu*** sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

***jitlob*** sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

Or. en

**Emenda 368**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***jistgħu jitolbu*** sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, ***għandu jagħti*** lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***għandhom jitolbu*** sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, ***jirrispetta d-drittijiet tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u jipprovdi*** lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. es

**Emenda 369**
**Francesca Barracciu, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***jistgħu*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port ***għandhom*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. ***Il-korpi tal-ġestjoni għandu jkollhom ukoll id-dritt li jużaw il-garanzija taż-żamma ta' drittijiet bħal dawn bħala kriterju preferenzjali fl-għażla tal-fornituri ta' servizzi portwarji.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sostenibbiltà tal-ftuħ tas-suq portwarju ċertament tiddependi anke mill-kapaċità tal-fornituri ta' servizzi li jużaw riżorsi lokali, bħax-xogħol. U fl-interess dirett tal-ġestjoni tajba tal-port tiżgura kontinwità tal-impjiegi lokali.*

**Emenda 370**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, ***il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, ***l-Istati Membri għandhom*** jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu |

jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. ***Din id-Direttiva ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jissalvagwardjaw il-kundizzjonijiet tat-trasferiment tad-drittijiet tal-impjegati minbarra dawk koperti bid-Direttiva 2001/23/KE. L-Istati Membri huma obbligati jqisu l-istandards tax-xogħol u soċjali l-aktar favorevoli għall-ħaddiema, stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi jew ftehimiet kollettivi jew ftehimiet konklużi bejn is-sħab soċjali.***

Or. xm

*Ġustifikazzjoni*

*Hija meħtieġa azzjoni obbligatorja mill-Istati Membri, u mhux azzjoni volontarja mill-awtoritajiet portwarji, biex jiġu infurzati dawn id-dispożizzjonijiet. Iż-żieda li tinkorpora r-referenza għad-Direttiva 2001/23/KE hija vitali fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-infurzar tal-istandards tax-xogħol u soċjali. Il-kliem huwa meħud verbatim minn emenda adottata għall-opinjoni tal-kumitat EMPL dwar ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (Emenda 30, Opinjoni Daerden).*

**Emenda 371**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur responsabbli mis- | 2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn imsieħba soċjali, il-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur tas-servizzi portwarji maħtur ***reċentement*** skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-fornitur |

| | |
|---|---|
| servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. | responsabbli mis-servizzi portwarji dawk id-drittijiet li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'kuntrast għal "operatur antik", huwa importanti li jiġi ppreċiżat li dan japplika fil-każ tat-tip tal-ħatra ta' fornitur ġdid.*

**Emenda 372**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Meta l-korpi tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżit li l-kundizzjonijiet tal-kuntratti tal-impjieg u l-listi tal-persunal ikunu pubbliċi billi jinthemżu mad-dokumenti tal-offerta u mal-kuntratti tas-servizz portwarju mhux proporzjonat mal-għanijiet tar-Regolament. Id-dispożizzjonijiet attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema (id-Direttiva 2001/23) jidhru li jissalvagwardjaw b'mod adegwat l-interessi tal-ħaddiema.*

**Emenda 373**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. ***Meta l-korpi*** tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji. | 3. ***Il-korpi*** tal-ġestjoni tal-port jeħtieġu li l-fornituri tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ċerti standards soċjali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti***. Għal dan il-għan***, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rispett tal-istandards soċjali ma jistax ikun għażla fil-qafas ta' ftuħ għall-kompetizzjoni.*

**Emenda 374**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Għas-servizz mogħti mill-irmonkaturi, fir-rigward ta' bastimenti li għalihom mhix applikabbli r-referenza mogħtija fil-paragrafu 2 tad-Direttiva 2001/23 KE, il-korpi tal-ġestjoni tal-port għandhom jitolbu li lill-persunal impjegat mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji jiġi żgurat id-dritt li jiġi impjegat bi prijorità meta mqabbel ma' ħaddiema oħra mill-fornitur maħtur. f'każ biss ta' rinunzja min-naħa tal-persunal li għandu dan id-dritt, il-fornitur jista', fuq kondizzjonijiet proposti ekwivalenti , jirrikorri għal persunal ieħor.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-irmonkaturi tal-vapuri, ma japplikax l-Artikolu 1.3 tad-Direttiva 2001/23/KE. Minħabba li l-Artikolu 10 tar-Regolament jafda s-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati firreferenza msemmija fid-Direttiva 2001/23/KE, huwa meħtieġ li jiġu previsti espressament liema drittijiet għandhom jiġu salvagwardjati. Huwa importanti li, f'każ fejn hija prevista l-limitazzjoni fin-numru tal-fornituri, il-modalitajiet ta' għażla jqisu l-ispeċifiċità tas-servizz ta' rmonk. Madankollu dan ma għandux jippreġudika d-dritt tal-impjieg għall-ħaddiema impjegati mill-fornitur aħħari.*

**Emenda 375**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-paragrafi 2 u 3 ta' qabel ma jippreġudikawx madankollu l-fakultajiet tal-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet sabiex jipprevedu, fost il-kriterji tal-akkwist preżenti fil-proċedura tal-għażla għan-nomina ta' fornitur tas-servizzi portwarji, li l-fornituri aspiranti diġà għandhom organizzazzjoni b'persunal kwalifikat u b'esperjenza speċifika għat-twettiq tas-servizzi kkonċernati.*** |

Or. it

**Emenda 376**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta korp maniġerjali ta' port iwettaq tħammil fiż-żona tal-port tiegħu b'fondi pubbliċi kif imsemmi fl-Artikolu 12(3), dan ma jistax iwettaq tħammil f'żoni ta' portijiet oħra.*** |

Or. en

**Emenda 377**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta' passiġġieri.*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 378**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta**'** passiġġieri. | Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta**'** passiġġieri ***jew għall-pilotaġġ u s-servizzi tal-irmiġġ***. |

Or. nl

**Emenda 379**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija ***u*** ta' passiġġieri. | Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija**,** ta' passiġġieri**, *pilotaġġ, irmiġġ u rmonk***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pilotaġġ, l-irmonk u l-irmiġġ jipprovdu servizzi essenzjali u uniċi għall-industrija tat-tbaħħir, li jekk jinfetħu għall-kompetizzjoni jipperikolaw is-sikurezza u s-sigurtà marittimi, il-protezzjoni tal-ambjent u l-effiċjenza tal-portijiet. B'hekk dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.*

**Emenda 380**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta' passiġġieri. | Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' ***pilotaġġ, ta'*** tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta' passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 381**
**Karim Zéribi, Dominique Vlasto, Bernadette Vergnaud**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 ***m'għandhomx*** japplikaw ***għal servizzi*** ta' ***tagħbija u ħatt*** ta' ***merkanzija u ta' passiġġieri***. | Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 ***għandhom*** japplikaw ***biss għas-servizzi*** ta' ***bunkering u għall-faċilitajiet*** ta' ***lqugħ fil-port***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Is-servizzi ta' pilotaġġ, ta' rmonk u ta' ttrakkar jiffurmaw grupp ta' attivitajiet partikolari fl-immaniġġjar tal-bastimenti. F'dan is-sens il-prinċipji ta' sigurtà u sikurezza marittima jeħtieġu l-esklużjoni ta' dawn is-servizzi tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.*

**Emenda 382**
**Sabine Wils**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta' passiġġieri. | Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija u ta' passiġġieri. ***Anki Artikolu 24 ma japplikax għat-tħammil, il-faċilitajiet ta' lqugħ tal-port, is-servizzi ta' pilotaġġ, kif ukoll għall-irmonk u l-irmiġġ.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-tneħħija ta' dawn l-attivitajiet diġà ġiet spjegata f'parti oħra. Għalhekk huwa xieraq li jiġu msemmija anke f'din il-parti.*

**Emenda 383**
**Mara Bizzotto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fl-interess ta' trasparenza finanzjarja akbar, garantita minn konjugazzjoni eqreb bejn il-modalitajiet ta' ġbir tar-riżorsi u taċ-ċentri tal-infiq, l-entità tal-ġestjoni tal-port għandu jkollha s-setgħa li jkollha riżorsi proprji sabiex issibhom abbażi tal-volum tat-traffiku prodott mill-port innifsu. Ir-riżorsi proprji huma meqjusa bħala l-kwoti tad-dħul mit-taxxa ġġenerat mill-attività tat-traffiki kummerċjali żviluppati fihom, minbarra d-dħul tipiku tal-prattiki tal-port. Previżjoni bħal din issaħħaħ il-prinċipju Ewropew tas-sussidjarjetà u tillimita wkoll id-distribuzzjoni tar-riżorsi governattivi li kultant jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat.*** |

Or. it

**Emenda 384**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port ***li jirċievi l-fondi pubbliċi*** jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm ***il-kontijiet ta' kull attività*** tas-servizz portwarju ***separati mill-kontijiet tal-attivitajiet*** l-oħrajn ***tiegħu*** b'mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***u jibbenefika minn fondi pubbliċi għal dawn is-servizzi***, għandu jżomm ***żewġ kontijiet separati, wieħed għall-attivitajiet*** tas-servizz portwarju ***li għalihom jirċievi fondi pubbliċi, u t-tieni għall-attivitajiet*** l-oħrajn**,** b'mod li: |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterju tar-riċeviment ta' finanzjament pubbliku huwa indispensabbli biex jiġi ddeterminat jekk il-port għandux iżomm kontabbiltà waħda jew tnejn, iżda huwa essenzjali li ma tinfetaħx it-triq għal kontabbiltà separata għal kull tip ta' attività tas-servizz portwarju. Hija kwistjoni ta' preċiżjoni tal-abbozzar biex ma jiġux imposti piżijiet burokratiċi fuq il-korpi maniġerjali tal-port.*

**Emenda 385**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju ***u tal-fondi pubbliċi li jirċievi*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: |

Or. it

**Emenda 386**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta’ kull attività ***tas-servizz portwarju*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b’mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***jew it-tħammil***, għandu jżomm il-kontijiet ta’ kull attività ***jew investiment iffinanzjati minn fondi pubbliċi, u tat-tħammil,*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b’mod li: |

Or. en

**Emenda 387**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta’ kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b’mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***jew it-tħammil***, għandu jżomm il-kontijiet ta’ kull attività tas-servizz portwarju ***u tat-tħammil*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b’mod li: |

Or. en

**Emenda 388**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta’ ***kull attività tas-servizz*** | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta’ ***dik l-attività jew l-investiment*** |

| | |
|---|---|
| ***portwarju*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: | ***iffinanzjati minn fondi pubbliċi*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: |

Or. en

**Emenda 389**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm ***il-kontijiet ta' kull attività*** tas-servizz portwarju ***separati mill-kontijiet tal-attivitajiet*** l-oħrajn tiegħu b'mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***u jirċievi fondi pubbliċi għal dawn is-servizzi portwarji***, għandu jżomm ***żewġ kontijiet separati, wieħed għall-attivitajiet*** tas-servizz portwarju ***li għalihom jirċievi fondi pubbliċi, u l-ieħor għall-attivitajiet*** l-oħrajn tiegħu**,** b'mod li: |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva tobbliga trasparenza fuq l-użu tal-fondi pubbliċi. Għaldaqstant, din m'għandhiex twassal għal separazzjoni stretta tal-kontijiet tal-attivitajiet portwarji kollha li jibbenefikaw minn fondi pubbliċi, b'mod partikolari meta l-fondi jintużaw f'qasam wieħed biss.*

**Emenda 390**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li: | 2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***jew it-tħammil***, għandu jżomm il-kontijiet ta' kull attività tas-servizz portwarju ***u tat-tħammil*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l- |

| | |
|---|---|
| | oħrajn tiegħu b'mod li: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-portijiet li jwettqu t-tħammil tagħhom stess b'fondi pubbliċi ma għandhomx jitħallew joffru s-servizzi ta' tħammil tagħhom lil portijiet oħra sabiex jevitaw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni inġusta ma' impriżi ta' tħammil li ma għandhomx appoġġ pubbliku u jipprovdu aktar trasparenza finanzjarja.*

**Emenda 391**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; u | (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett***, għal kull servizz,*** fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; u |

Or. it

**Emenda 392**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; u | (a) l-ispejjeż u d-dħul kollha jiġu assenjati jew allokati b'mod korrett***, għal kull servizz individwali mogħti*** fuq il-bażi ta' prinċipji tal-kontabilità tal-kostijiet applikati b'mod konsistenti u oġġettivament ġustifikabbli; u |

Or. it

**Emenda 393**
**Jean-Pierre Audy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fondi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu kapital azzjonarju jew fondi kważi kapitali, għotjiet mhux rifondibbli, għotjiet rifondibbli biss f'ċerti ċirkustanzi, għoti ta' self inkluż self kurrenti u ħlas bil-quddiem fuq injezzjonijiet kapitali, garanziji mogħtija lill-korp maniġerjali tal-port minn awtoritajiet pubbliċi***, dividendi mħallsin u profitti miżmumin jew xi*** forma oħra ta' appoġġ finanzjarju pubbliku. | 3. Il-fondi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu kapital azzjonarju jew fondi kważi kapitali, għotjiet mhux rifondibbli, għotjiet rifondibbli biss f'ċerti ċirkustanzi, għoti ta' self inkluż self kurrenti u ħlas bil-quddiem fuq injezzjonijiet kapitali, garanziji mogħtija lill-korp maniġerjali tal-port minn awtoritajiet pubbliċi ***u kull*** forma oħra ta' appoġġ finanzjarju pubbliku. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dividendi mħallsin u l-profitti miżmumin m'għandhomx jitħalltu ma' fondi pubbliċi.*

**Emenda 394**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 17*** għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni. | 4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***maħtur skont l-Artikolu 17*** għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni. |

Or. en

**Emenda 395**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 17 għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni. | 4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***pubbliku*** kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 17 għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni. |

Or. pl

**Emenda 396**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, ***il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti kompetenti***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. | 5. ***Il-korp maniġerjali tal-port għandu, f'każ ta' lment formali u*** meta jkun mitlub jagħmel dan, ***iqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***maħtur skont l-Artikolu 17***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament ***u mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat***. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. |

Or. en

**Emenda 397**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti kompetenti***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. | 5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***maħtur skont l-Artikolu 17***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-informazzjoni għandha dejjem titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza, mhux f'każ ta' lmenti biss.*

**Emenda 398**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** kompetenti, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. | 5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-korp ***pubbliku*** kompetenti, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba. |

Or. pl

**Emenda 399**
**Dominique Vlasto**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma japplikax għall-portijiet inklużi fin-netwerk globali tat-TEN-T, bħal dawk definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX (Ir-Regolament dwar il-linji gwida dwar in-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport), fejn il-fatturat ikun anqas mil-limitu stabbilit mid-Direttiva 2006/111/KE.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-portijiet żgħar għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi ta' trasparenza biss fil-limiti ta' burokrazija tagħhom stess. Il-limitu biex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza finanzjarja għandu jkun identiku għal dak previst fid-Direttiva 2006/111/KE.*

**Emenda 400**
**Mathieu Grosch, Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Il-fondi pubbliċi, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-korp maniġerjali tal-port sabiex jiffinanzja parzjalment jew fit-totalità tagħhom l-infrastruttura tal-aċċess u tal-art kif ukoll l-infrastruttura relatata mat-terminal jew mal-proġett, jibqgħu fl-ambitu pubbliku, sakemm dawn l-infrastrutturi huma mmaniġġjati u operati mill-korp maniġerjali tal-port b'mod mhux kummerċjali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Essenzjali fl-applikazzjoni koerenti tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat hija l-kwalità tar-relazzjoni bejn il-korp maniġerjali tal-port, bħala maniġer tal-infrastruttura, u l-utent ta' din l-infrastruttura. Jekk din ir-relazzjoni hija ta' natura mhux kummerċjali, il-finanzjament jibqa' fl-ambitu pubbliku.*

**Emenda 401**
**Mathieu Grosch, Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 7b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Il-fondi pubbliċi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-korp maniġerjali tal-port sabiex jiffinanzja parzjalment jew fit-totalità tagħha s-superstruttura jaqgħu 'l barra mill-ambitu pubbliku peress li huma direttament relatati mal-benefiċċju tas-servizz tal-port individwali involut.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Essenzjali fl-applikazzjoni koerenti tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat hija l-kwalità tar-relazzjoni bejn il-korp maniġerjali tal-port, bħala maniġer tal-infrastruttura, u l-utent ta' din l-infrastruttura. Peress li "superstruttura" skont id-definizzjoni tagħha hija direttament relatata mas-servizz tal-port, li għandu jitqies bħala attività ekonomika, kwalunkwe tip ta' finanzjament pubbliku jibqa 'l barra mill-ambitu pubbliku.*

**Emenda 402**
**Knut Fleckenstein**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port, ***f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji,*** | 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9***(1), l-imposti għas-servizzi ta' pilotaġġ li mhumiex esposti għal kompetizzjoni effettiva,*** u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port ***skont il-punt (b) tal-Artikolu 6(1)***, għandhom jiġu |

| | |
|---|---|
| għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. | stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom***,*** ***sa fejn hu possibbli,*** jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. |

Or. en

**Emenda 403**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ***ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla*** mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. | 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ***jkunu proporzjonati*** mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. |

Or. it

**Emenda 404**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 ***u l-imposti mitluba*** minn fornituri ta' servizzi tal-port, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma | 1. L-imposti għas-servizzi ***tal-port*** provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 ***jew*** minn fornituri ta' servizzi tal-port, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u |

miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut.

mhux diskriminatorji, ***li f'kull każ huma totalment jew prinċipalment iffinanzjati minn fondi pubbliċi,*** għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut.

Or. en

**Emenda 405**
**Tanja Fajon**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port, ***f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji,*** għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. | 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9***(1),*** u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi tal-port ***imwettaq skont il-punt (b) tal-Artikolu 6(1)***, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom***, sa fejn hu possibbli,*** jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. |

Or. en

**Emenda 406**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi | 1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-imposti mitluba minn fornituri ta' servizzi |

| | |
|---|---|
| tal-port***, f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji,*** għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom ***jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx*** ikunu ***sproporzjonati*** meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. | tal-port għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom ikunu ***proporzjonati*** meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-Kummissjoni tixtieq taċċerta (ara l-Artikolu 13(3)) li t-tariffi tas-servizzi portwarji mhumiex sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut, l-obbligi tat-trasparenza għandhom ikunu l-istess għat-tipi kollha tal-fornituri tas-servizz portwarju fiċ-ċirkostanzi kollha.*

**Emenda 407**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fuq talba, u*** kif imsemmi ***fl-Artikolu 17***, il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji. | 3. Kif imsemmi ***fl-Artikolu 17***, il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji. |

Or. it

**Emenda 408**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Fuq talba**, **u kif imsemmi fl-Artikolu 17,*** il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti kompetenti*** l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. ***Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji.*** | 3. ***Fil-każ ta' lment formali***, il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***maħtur taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 17,*** l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emendi tar-rapporteur dwar is-sorveljanza indipendenti, ikun aktar rilevanti li ma jingħatawx dettalji dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu ppreżentati f'każ ta' lment formali sabiex ma jinħoloqx piż amministrattiv.*

**Emenda 409**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fuq talba, ***u kif imsemmi fl-Artikolu 17,*** il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** kompetenti l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal- | 3. Fuq talba, il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***pubbliku*** kompetenti l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. |

paragrafu 1 ta*'* dan l-Artikolu. ***Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji.***

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi attwali għall-kontroll tal-livell tat-tariffi tas-servizz portwarju fl-Istati Membri individwali għandhom jinżammu. L-għoti ta' dawn il-kompetenzi lil korpi ġodda mhuwiex iġġustifikat. Barra minn hekk, il-prinċipju tal-kunfidenzjalità kummerċjali għandu jitqies aktar meta jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa.*

**Emenda 410**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***għandhom iżommu*** noll tal-infrastruttura tal-portijiet. Dan ma għandux iżomm lill-fornituri tas-servizzi portwarji li qegħdin jużaw infrastrutturi tal-portijiet milli jżommu noll tas-servizzi portwarji. | 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***għandu jżomm*** noll tal-infrastruttura tal-portijiet. ***Dawn in-nollijiet jistgħu jieħdu natura u forma ta' taxxi.*** Dan ma għandux iżomm lill-fornituri tas-servizzi portwarji li qegħdin jużaw infrastrutturi tal-portijiet milli jżommu noll tas-servizzi portwarji. |

Or. it

**Emenda 411**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-ħlas tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jista' jkun integrat ***fi*** ħlasijiet oħrajn, bħall-ħlas tan-nollijiet tas-servizzi | 2. Il-ħlas tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jista' jkun integrat ***ma'*** ħlasijiet oħrajn, bħall-ħlas tan-nollijiet tas-servizzi |

portwarji. F'dan il-każ, il-korp maniġerjali tal-port *u* għandu jara li l-ammont tan-noll tal-infrastruttura portwarja jibqa' jingħaraf faċilment minn min juża l-infrastruttura tal-port.

portwarji. F'dan il-każ, ***fejn*** il-korp maniġerjali tal-port ***huwa totalment jew prinċipalment iffinanzjat minn fondi pubbliċi, dan*** għandu jara li l-ammont tan-noll tal-infrastruttura portwarja jibqa' jingħaraf faċilment minn min juża l-infrastruttura tal-port.

Or. en

**Emenda 412**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirriflettu*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. | 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirrifletti*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat ***u tal-kompetizzjoni***. |

Or. it

**Emenda 413**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirriflettu*** l-kundizzjonijiet | 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirrifletti*** l-kundizzjonijiet |

| | |
|---|---|
| kompetittivi tas-suq rilevanti u ***skont ir-regoli*** tal-għajnuna mill-Istat. | kompetittivi tas-suq rilevanti u ***b'kunsiderazzjoni tar-regoli*** tal-għajnuna mill-Istat ***u tal-kompetizzjoni***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korpi maniġerjali tal-portijiet huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi u joperaw fi swieq kompetittivi. Sabiex jiġu pprovduti b'awtonomija xierqa biex jeżerċitaw l-istrateġija kummerċjali tagħhom, ir-raġunijiet li għalihom in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw ma għandhomx jiġu rregolati. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' negozjar individwali ma' min juża l-port għandha titħalla biex tattira traffiku ġdid jew iżżomm dak eżistenti matul tnaqqis fir-ritmu. Iżda huwa ċar li r-regoli tal-għajnuna mill-Istat u tal-kompetizzjoni għandhom jiġu rrispettati.*

**Emenda 414**
**Francesca Barracciu, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirriflettu*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. | 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li ***jirrifletti*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat***, wara li jitqiesu, fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-akbar ħtiġijiet ta' appoġġ speċifiċi taż-żoni ġeografikament żvantaġġati, bħall-gżejjer***. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Speċjalment għall-gżejjer, l-ispejjeż għall-immodernizzar tal-infrastrutturi jistgħu jkunu ta' piż. Huwa xieraq li diffikultajiet bħal dawn jiġu riflessi fil-prezz mitlub għan-nollijiet tagħhom.*

**Emenda 415**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti ***b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li jirriflettu*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. | 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti ***mill-awtorità kompetenti li jirrifletti*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. |

Or. en

**Emenda 416**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti ***b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess li jirriflettu*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. | 3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti ***mill-awtorità kompetenti li jirrifletti*** l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Xi Stati Membri jiddefinixxu n-nollijiet tal-portijiet tagħhom aktar milli jħallu dan f'idejn l-awtorità maniġerjali tagħhom bħalma huwa l-każ għas-settur ferrovjarju u dak tal-ajru. Jekk il-livell tan-nollijiet jiġi stabbilit billi jitqies is-suq u jiġu rrispettati r-regoli tal-għajnuna mill-Istat, dan għandu jkun permess.*

**Emenda 417**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***il-prattiki*** kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ***ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli*** tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika tal-port u l-prattiki*** kummerċjali***,*** relatati ***fost l-oħrajn*** mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ***jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u*** tal-kompetizzjoni. |

Or. en

**Emenda 418**
**Ramon Tremosa i Balcells**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli*** tal-kompetizzjoni. ***Il-*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw***, fost l-oħrajn,*** skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***ġusti u jikkunsidraw kif dovut ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u*** |

| | |
|---|---|
| ***varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | tal-kompetizzjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korpi maniġerjali tal-portijiet huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi u joperaw fi swieq kompetittivi. Sabiex jiġu pprovduti b'awtonomija xierqa biex jeżerċitaw l-istrateġija kummerċjali tagħhom, ir-raġunijiet li għalihom in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw ma għandhomx jiġu rregolati. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' negozjar individwali ma' min juża l-port għandha titħalla biex tattira traffiku ġdid jew iżżomm dak eżistenti matul tnaqqis fir-ritmu. Iżda huwa ċar li r-regoli tal-għajnuna mill-Istat u tal-kompetizzjoni għandhom jiġu rrispettati.*

**Emenda 419**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***il-prattiki*** kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u*** b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika tal-port u l-prattiki*** kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu ***fost l-oħrajn*** użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni ***u tal-għajnuna mill-Istat***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korp maniġerjali tal-port għandu jkollu biżżejjed flessibbiltà biex jiddeċiedi dwar in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-kriterji użati għandhom madankollu jkunu konformi wkoll mar-regoli tal-kompetizzjoni Ewropej u r-regoli tal-għajnuna mill-Istat eżistenti.*

**Emenda 420**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port***, it-tbaħħir*** fuq distanza qasira ***jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport***. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u*** b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port ***u t-tbaħħir*** fuq distanza qasira. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu b'rispett għar-regoli ***tal-għajnuna mill-Istat u*** tal-kompetizzjoni. |

Or. nl

**Emenda 421**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***il-prattiki*** kummerċjali ***relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu*** użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika u l-prattiki*** kummerċjali***, kif ukoll il-politika tal-ippjanar tat-territorju bħal dawk definiti mill-port. Dawn in-*** |

| | |
|---|---|
| distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | ***nollijiet jistgħu jvarjaw b'mod partikolari skont il-frekwenza tal-użu tal-port, il-promozzjoni ta'*** użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***konformi mar-regoli fil-qasam tal-għajnuniet mill-Istat u tal-kompetizzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż esterni u jiġi rispettat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-prinċipji ta' oġġettività, trasparenza u nondiskriminazzjoni jitqiesu bħala bażi għal ftuħ b'saħħtu tas-suq filwaqt li jiġu evitati l-abbużi, ikun xieraq min-naħa l-oħra li l-korp maniġerjali tal-port jingħata libertà akbar biex jistabbilixxi n-nollijiet skont l-istrateġija ekonomika tiegħu u fuq il-bażi tan-negozjati individwali mal-utenti.*

**Emenda 422**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***il-prattiki*** kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport***.*** ***Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli*** tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika tal-port u l-prattiki*** kummerċjali***,*** relatati ***fost l-oħrajn*** mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu***, fost l-oħrajn,*** użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport***, filwaqt li jiżguraw konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u*** tal-kompetizzjoni. |

***tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.***

Or. en

**Emenda 423**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***il-prattiki*** kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi,*** trasparenti u ***mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli*** tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.*** | 4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika tal-port u l-prattiki*** kummerċjali***,*** relatati ***fost l-oħrajn*** mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu trasparenti u ***għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u*** tal-kompetizzjoni. |

Or. en

**Emenda 424**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-korpi maniġerjali tal-port għandhom jimponu nollijiet differenzjati għall-użu tal-infrastruttura tal-portijiet sabiex jippromwovu t-trasport li jiffranka l-enerġija u li huwa effiċjenti fl-użu tal-karbonju, billi jiffavorixxu l-bastimenti bi prestazzjoni ambjentali tajba iżjed minn*** |



MT

| | |
|---|---|
| | ***dawk li għadhom lura f'dan ir-rigward.*** |

Or. nl

**Emenda 425**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skontil-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 426**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skontil-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-prattika, din id-dispożizzjoni tagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tinterferixxi fin-nollijiet ippubblikati mill-maniġment tal-port. L-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' atti ddelegati f'dan il-qasam jista' jikser l-awtonomija tal-korpi tal-maniġment tal-port u jikkontradixxi l-prinċipju tal-libertà ekonomika.*

**Emenda 427**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skontil-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni ***tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***. | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skont il-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet ***internazzjonali tal-bastimenti u l-fjuwils li jistgħu jirregolaw in-nollijiet tal-infrastruttura kif ukoll il-linji gwida ambjentali*** komuni ***li jippermettu lill-awtorità portwarja li tqis il-flotta eżistenti***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-implimentazzjoni ta' atti ddelegati għandha tippermetti ġestjoni pan-Ewropea ta' riskji maġġuri attwalment ġestiti mill-OMI filwaqt li tiġi rispettata l-awtonomija tal-portijiet. Linji gwida komuni għandhom ukoll jitpoġġew għad-dispożizzjoni sabiex jippermettu lill-awtoritajiet portwarji li jpoġġu f'perspettiva l-effiċjenza ta' ċerti mekkaniżmi ambjentali.*

**Emenda 428**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skontil-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, ***il-fjuwils u t-tipi ta'*** | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skont il-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti ***u l-fjuwils***, li skont |

| | |
|---|---|
| ***operazzjonijiet*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura ***u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet**.* | dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura. |

Or. nl

**Emenda 429**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skontil-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti***, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura ***u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet**.* | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skont il-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni ***internazzjonali*** tal-bastimenti ***u l-fjuwils*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura. |

Or. en

**Emenda 430**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skontil-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti***, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u ***l-prinċipji*** komuni ***dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet**.* | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skont il-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni ***internazzjonali*** tal-bastimenti ***u l-fjuwils*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u ***l-linji gwida ambjentali*** komuni ***li jippermettu lill-korpi maniġerjali tal-port iqisu l-flotta eżistenti**.* |

Or. en

**Emenda 431**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skontil-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti***, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura ***u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura*** tal-portijiet. | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati ***skont il-proċedura*** msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni***, rikonoxxuti fil-livell internazzjonali,*** tal-bastimenti ***u l-fjuwils*** li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emenda tar-rapporteur, in-natura internazzjonali tat-trasport marittimu timponi li jiġi ppreċiżat li l-klassifikazzjonijiet komuni kkonċernati huma dawk rikonoxxuti fil-livell internazzjonali.*

**Emenda 432**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korp maniġerjali ***tal-port*** għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***, inklużi l-ispejjeż u d-dħul totali li jservu ta' bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***. Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw ***l-infrastrutturi*** tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati | 6. Il-korp maniġerjali ***ta' port li huwa totalment jew prinċipalment iffinanzjat minn fondi pubbliċi*** għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw ***l-infrastruttura*** tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel. |

dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel.

Or. en

**Emenda 433**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, inklużi l-ispejjeż u d-dħul totali li jservu ta' bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw l-infrastrutturi tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel. | 6. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, inklużi l-ispejjeż u d-dħul totali li jservu ta' bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***mingħajr madankollu ma jkun hemm korrelazzjoni bejniethom***. Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw l-infrastrutturi tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk it-trasparenza f'termini ta' spejjeż u livell ta' nollijiet portwarji tidher bħala għan li għandu jintlaħaq fil-qafas ta' din id-Direttiva, din madankollu m'għandhiex twassal għal korrelazzjoni bejn iż-żewġ tabelli li jista' jkollhom bħala konsegwenza piż amministrattiv kbir ħafna.*

**Emenda 434**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 435**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali ***tal-port*** għandu ***jqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** u ***kompetenti u*** tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ***u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. | 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali ***ta' port li huwa totalment jew prinċipalment iffinanzjat minn fondi pubbliċi*** għandu***, f'każ ta' lment formali, iqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-korp ***rilevanti maħtur skont l-Artikolu 17*** u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ***li sservi*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. |

Or. en

**Emenda 436**
**Karim Zéribi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li *jservu* bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. | 7. Fuq talba ***u b'mod trasparenti***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li ***sservi*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prinċipju ta' trasparenza għandu japplika fir-relazzjonijiet bejn l-awtorità portwarja, il-korp ta' sorveljanza indipendenti u l-Kummissjoni.*

**Emenda 437**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** u ***kompetenti u*** tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ***u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati***, li ***jservu*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet***. | 7. Fuq talba ***u f'każ ta' lment formali***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***maħtur skont l-Artikolu 17*** u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, li ***sservi*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*B'żieda għall-emendi tar-rapporteur dwar is-sorveljanza indipendenti, ikun aktar rilevanti li ma jingħatawx dettalji dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu ppreżentati f'każ ta' lment formali sabiex ma jinħoloqx piż amministrattiv.*

**Emenda 438**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti u*** kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li ***jservu*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. | 7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ***pubbliku*** kompetenti u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li ***sservi*** bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet. |

Or. pl

**Emenda 439**
**Phil Bennion**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 14a*** |
| | ***Trasparenza finanzjarja ta' portijiet bi sjieda privata u operati b'mod privat*** |
| | ***Mingħajr ħsara għar-rekwiżiti skont il-liġi tal-għajnuna mill-Istat u tal-kompetizzjoni u leġiżlazzjoni rilevanti oħra, ir-rekwiżiti ta' trasparenza skont l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Artikoli 13 u 14 jistgħu ma japplikawx fil-każijiet ta' portijiet bi sjieda privata u operati b'mod privat jekk l-iżvelar tal-informazzjoni fl-istabbiliment tan-nollijiet ikun relatat ma' żviluppi jew kwistjonijiet imminenti matul in-negozjati li jistgħu, konsegwentement, jinterferixxu mal-mudell kummerċjali, u fl-aħħar nett, ifixklu l-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, il-korp maniġerjali għandu jkun kapaċi jiddeċiedi jekk l-iżvelar ta' informazzjoni bħal din ikunx ta' ħsara kbira għall-interessi tal-impriża. Fejn il-korp maniġerjali ma jkunx żvela informazzjoni skont dan il-paragrafu, dan għandu jipprovdi dikjarazzjoni għal dan il-għan.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ta' trasparenza bejn il-portijiet pubbliċi u privati għandhom ikunu differenzjati biex jirriflettu l-bżonn ta' negozju privat għal ftit flessibbiltà fl-istabbiliment tan-nollijiet skont l-istrateġija tan-negozju tiegħu.*

**Emenda 440**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 15* | ***imħassar*** |
| ***Konsultazzjoni ma' dawk li jużaw il-portijiet*** | |
| ***1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq l-ima, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-"kumitat konsultattiv tal-utenti tal-*** | |

***port".***

***2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-forrnituri tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju.***

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemmx il-ħtieġa għal kumitati separati tal-utenti. Din id-dispożizzjoni tqiegħed piż fuq il-korpi tal-maniġment tal-port b'obbligi addizzjonali relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat. L-Artikoli 15 u 16 għandhom jiġu kkombinati, għandha tinżamm il-libertà li jiġi deċiż l-isem tal-kumitat tal-partijiet interessati, u kull parti interessata tal-port għandha tingħata l-libertà li tinnomina r-rappreżentant tagħha stess. Il-maniġment tal-port m'għandux ikollu d-dritt li jagħżel il-membri tal-kumitat.*

**Emenda 441**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Il-korp maniġerjali ***tal-port*** għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ima***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il- | 1. Il-korp maniġerjali ***ta' port li huwa totalment jew prinċipalment iffinanzjat minn fondi pubbliċi*** għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ilma***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall- |

| | |
|---|---|
| kumitat għandu jissejjaħ il-*"*kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*"*. | infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-*"*kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*"*. |

Or. en

**Emenda 442**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jistabbilixxi kumitat*** ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ima***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li ***huma mitlubin iħallsu noll*** għall-infrastruttura u ***noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-"kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port".*** | 1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jiżgura li jeżistu mekkaniżmi*** ta' ***konsultazzjoni adegwati li jiġbru fost oħrajn*** rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ilma***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet***, inklużi r-rappreżentanti tal-operaturi tas-servizzi tat-trasport interkonnessi. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jippermettu*** li ***l-partijiet interessati jiġu infurmati b'mod adegwat dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet*** għall-infrastruttura ***tal-portijiet, b'mod partikolari f'każ ta' bidla sostanzjali tal-imsemmija nollijiet, qabel l-implimentazzjoni ta' tali bidliet*** u ***qabel l-istabbiliment ta' tali ħlasijiet.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-qafas tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, din id-Direttiva għandha tappoġġja obbligu ta' riżultati u mhux mezzi, sabiex tħalli lill-Istati Membri u lill-portijiet jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva bl-aktar mod adegwat skont ir-realtajiet lokali, reġjonali u/jew nazzjonali. Għaldaqstant, dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jsiru u jippermettu n-notifika fil-ħin tal-modifiki sostanzjali tal-politika tal-prezzijiet.*

**Emenda 443**
**Phil Bennion**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ima***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-*"*kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*"*. | 1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq ***l-ilma***, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-***"***kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port***". Il-korp maniġerjali ta' port bi sjieda privata u operat b'mod privat jista' jiddeċiedi li ma jistabbilixxix dan il-kumitat.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiliment ta' kumitat bħal dan għall-portijiet privati jimmina l-prattiki u n-negozjati kummerċjali normali bejn il-korp maniġerjali tal-port u l-klijenti tiegħu.*

**Emenda 444**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq l-ima, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu*** noll għall-infrastruttura u ***noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-"kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port".*** | 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***jiżgura li l-utenti tal-port jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jiġu mitluba jħallsu*** noll għall-infrastruttura***, qabel l-istabbiliment tan-nollijiet ikunu infurmati b'mod adegwat dwar l-istruttura*** u ***l-kriterji għall-prezz tan-nollijiet għall-infrastruttura, b'mod partikolari jekk isir tibdil sinifikanti fil-prezzijiet tan-nollijiet.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Strutturi li jiżguraw il-konsultazzjoni tal-utenti tal-port diġà jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-portijiet Ewropej. Ir-Regolament għandu jirregola biss il-prinċipju bażiku dwar il-ħtieġa tal-konsultazzjoni għall-utenti, filwaqt li deċiżjonijiet dwar il-proċeduri għandhom jitħallew f'idejn il-korp maniġerjali tal-port.*

**Emenda 445**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u*** qabel l-istabbiliment tan-nollijiet ***tal-infrastruttura*** tal-port***, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*** dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***.*** ***Il-fornituri tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet,*** kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. ***Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf*** dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni ***mill-fornituri tas-servizz portwarju***. | 2. ***Il-fornituri tas-servizzi portwarji għandhom jikkonsultaw*** qabel l-istabbiliment tan-nollijiet ***tas-servizzi portwarji, mal-utenti*** tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9***(1)***. ***Il-fornituri tas-servizzi portwarji għandhom jgħarrfuh*** dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija marbuta mal-emenda ppreżentata fil-paragrafu ta' qabel.*

**Emenda 446**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korp maniġerjali ***tal-port*** għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi ***potwali*** għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. | 2. Il-korp maniġerjali ***ta' port li huwa totalment jew prinċipalment iffinanzjat minn fondi pubbliċi*** għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi ***portwarji li f'kull każ huma totalment jew prinċipalment iffinanzjati minn fondi pubbliċi*** għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. |

Or. en

**Emenda 447**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali***, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura*** tal-port***, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*** dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi ***potwali*** għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, ***mal-kumitat konsultattiv tal-utenti*** tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal- | 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali ***mal-utenti*** tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi ***portwarji*** għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, ***mal-utenti*** tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jiġi mgħarraf |

| | |
|---|---|
| infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu*** jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. | dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. |

Or. en

**Emenda 448**
**Tanja Fajon**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, ***mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*** dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***. Il-fornituri tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali***, ***u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet,*** kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. | 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jipprovdi lill-utenti tal-port b'informazzjoni adegwata dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġu determinati n-nollijiet tal-infrastruttura tal-port. Dan għandu*** jikkonsulta ***mal-utenti tal-port fil-każ ta' bidliet sostanzjali għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi portwarji għandhom jikkonsultaw mal-utenti tal-port,*** fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, ***imwettaq fl-interess pubbliku,*** dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-fornituri tas-servizz portwarju. |

Or. en

**Emenda 449**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jikkonsulta fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*** dwar ***l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-fornituri tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi faċilitajiet adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar*** ir-riżultati tal-konsultazzjoni ***mill-fornituri tas-servizz portwarju***. | 2. ***Il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tas-servizzi tal-port, għandhom jikkonsultaw mal-utenti tal-port dwar l-istruttura u l-livell ta' dawn in-nollijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 9.*** Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jkun infurmat*** dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni ***permezz tal-fornituri tas-servizzi tal-port***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Strutturi li jiżguraw il-konsultazzjoni tal-utenti tal-port diġà jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-portijiet Ewropej. Ir-Regolament għandu jirregola biss il-prinċipju bażiku dwar il-ħtieġa tal-konsultazzjoni għall-utenti, filwaqt li deċiżjonijiet dwar il-proċeduri għandhom jitħallew f'idejn il-korp maniġerjali tal-port.*

**Emenda 450**
**Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti msemmi fil-paragrafu 1 huwa soġġett għal regoli ta' funzjonament li jillimitaw il-kompiti tiegħu għall-minimu possibbli u li ma jikkompromettux il-ħeffa u l-effiċjenza tal-azzjoni tal-entità tal-ġestjoni tal-port. F'każ li l-leġiżlazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***nazzjonali ta' Stat Membru digà tipprevedi korp b'konnotazzjonijiet ekwivalenti, anke jekk il-konfigurazzjoni tiegħu mhijiex totalment korrispondenti, għal dik tal-Kumitat tar-Rappreżentanti msemmi fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu madankollu huma meqjusa bħala sodisfatti.*** |

Or. it

**Emenda 451**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-korp maniġerjali għandu jagħmel sforzi biex jiżgura li l-bidliet sinifikanti għall-istruttura jew il-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura jsiru bi qbil mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Relazzjoni ta' kooperazzjoni u miftuħa bejn l-awtorità tal-port u l-utenti tal-port tista' tikkontribwixxi għal riżultati fit-tul aħjar għall-port.*

**Emenda 452**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jiddiskuti l-ippjanar fit-tul tal-iżvilupp tal-port mal-kumitat tal-utenti sabiex jiġu vvalutati l-bżonnijiet futuri u jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-proġetti ta' investiment.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port huwa forum ideali għall-valutazzjoni tal-ippjanar fit-tul f'isem l-awtorità tal-port.*

**Emenda 453**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***li jżommu fil-wiċċ***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***tat-trasport fuq l-ilma***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art***, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-port*** u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi r-rappreżentanti tal-ħaddiema, għandhom jiġu kkonsultati dwar suġġetti bħalma huma l-koordinazzjoni xierqa tas-servizzi tal-portijiet jew l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi.*

**Emenda 454**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***li jżommu fil-wiċċ,*** | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***tat-trasport fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| ***sidien*** ta' merkanzija, ***operaturi*** tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: | ***ilma, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema tas-servizzi portwarji, is-sidien*** ta' merkanzija, ***l-operaturi*** tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port***, ir-rappreżentanti tal-abitanti li jgħixu viċin iż-żona portwarja u r-rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi f'dan il-qasam*** dwar dan li ġej: |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qasam tal-persuni kkonsultati dwar dan is-suġġett għandu jitwessa'.*

**Emenda 455**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***li jżommu fil-wiċċ***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***tat-trasport fuq l-ilma***, ***ir-rappreżentanti tal-ħaddiema,*** sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: |

Or. es

**Emenda 456**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, |

| | |
|---|---|
| il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***li jżommu fil-wiċċ***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art ***u*** l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: | il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***tat-trasport fuq l-ilma***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art***,*** l-amministrazzjonijiet pubbliċi ***u r-rappreżentanti tal-forza tax-xogħol*** li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: |

Or. en

**Emenda 457**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***li jżommu fil-wiċċ***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art ***u l-amministrazzjonijiet pubbliċi*** li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti ***tat-trasport fuq l-ilma***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art***, l-awtoritajiet, organizzazzjonijiet ambjentali kif ukoll rappreżentanti tal-impjegati,*** li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej: |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentanti tal-impjegati u organizzazzjonijiet ambjentali wkoll għandhom jiġu ikkonsultati apparti l-partijiet interessati oħrajn, peress li jirrappreżentaw gruppi interessati importanti.*

**Emenda 458**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha ***tikkonsulta regolarment mal-partijiet*** | 1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha ***tistabbilixxi kumitat tal-partijiet*** interessati |

interessati, ***bħal*** impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti li ***jżommu fil-wiċċ***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar ***dan li ġej***:

***li l-kompożizzjoni tiegħu għandha tinkludi***, ***b'mod partikolari,*** impriżi stabbiliti fil-port, il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti li ***tat-trasport fuq l-ilma***, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port***. Il-qbil tal-maniġment tal-port m'għandux ikun meħtieġ għas-sħubija f'dan il-kumitat. Il-partijiet interessati għandu jkollhom il-libertà sħiħa li jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom fil-kumitat. Il-maniġment tal-port għandu jikkonsulta mal-kumitat tal-partijiet interessati*** dwar ***deċiżjonijiet – inkluż deċiżjonijiet dwar l-investiment – li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet tal-port, inkluż b'mod partikolari***:

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsultazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 għandu jiġi estiż. Il-korpi tal-maniġment tal-port għandhom jikkonsultaw dwar id-deċiżjonijiet kollha li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet tal-partijiet interessati tal-port. Il-partijiet interessati għandhom jiġu kkonsultati b'mod partikolari dwar it-tariffi u n-nollijiet tal-port.*

**Emenda 459**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) il-koordinazzjoni xierqa tas-servizzi portwarji ***fi ħdan iż-żona tal-port***; | (a) il-koordinazzjoni xierqa tas-servizzi portwarji ***fil-port, inklużi dawk relatati mas-sikurezza***; |

Or. it

**Emenda 460**
**Karim Zéribi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-konsegwenzi tal-ippjanar u d-deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tat-territorju f'termini ta' prestazzjonijiet ambjentali;*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiġġustifika lilha nnifisha.*

**Emenda 461**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) miżuri biex jiggarantixxu u jtejbu s-sigurtà fil-qasam tal-port, inklużi miżuri biex itejbu t-taħriġ, is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema tal-portijiet;*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-artikolu dwar il-konsultazzjoni ma' dawk li jużaw il-portijiet, għandu jiġi introdott mandat għal konsultazzjoni mal-atturi kollha tal-port, inklużi r-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex titjieb is-sigurtà tal-attivitajiet tal-port.*

**Emenda 462**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-istruttura u l-livell tan-nollijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-użu tal-infrastruttura tal-portijiet.*** |

Or. pl

**Emenda 463**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-korp ta' sorveljanza indipendenti addizzjonali huwa superfluwu. Dan iżid l-isforzi burokratiċi u l-ispejjeż amministrattivi.*

**Emenda 464**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Istati Membri diġà jeżistu korpi ta' sorveljanza adegwati u m'hemmx raġuni għall-ħolqien ta' korp addizzjonali ta' sorveljanza. Il-portijiet huma, bħala prinċipju, kumpaniji kummerċjali u l-bordijiet ta' sorveljanza għandhom ikunu responsabbli għas-sorveljanza tal-attivitajiet tagħhom. Il-korpi ta' sorveljanza nazzjonali diġà għandhom kompetenzi addizzjonali eċċezzjonali ta' sorveljanza li huma ġġustifikati għal raġunijiet ta' interess pubbliku u l-protezzjoni tal-kompetittività.*

**Emenda 465**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Korp*** ta' ***superviżjoni indipendenti*** | ***Applikazzjoni*** ta' ***dan ir-Regolament*** |

Or. en

**Emenda 466**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Korp ta' superviżjoni*** indipendenti | ***Sorveljanza*** indipendenti |

Or. en

**Emenda 467**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Korp ta' superviżjoni indipendenti*** | ***Applikazzjoni tar-Regolament*** |

Or. en

**Emenda 468**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja ***l-applikazzjoni tar-Regolament*** fil-portijiet marittimi kollha koperti b'***dan ir-Regolament dwar it-territorju*** ta' kull Stat Membru. | 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja ***r-rispett ta' din id-Direttiva*** fil-portijiet marittimi kollha koperti b'***din id-Direttiva fit-territorju*** ta' kull Stat Membru. |

Or. fr

**Emenda 469**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jaraw li l-korp ta**’ **sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b’***dan ir-Regolament ***dwar it-territorju ta’ kull Stat Membru***. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu miżuri xierqa, skont il-liġi nazzjonali, biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni xierqa ta**’* dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 470**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***l-korp ta’ sorveljanza*** indipendenti ***jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni*** tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b’dan ir-Regolament ***dwar it-territorju*** ta’ kull Stat Membru. | 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***hemm fis-seħħ mekkaniżmi*** indipendenti ***effettivi biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni*** tar-Regolament ***u jipproċessaw l-ilmenti li jiġu mill-applikazzjoni tar-Regolament*** fil-portijiet marittimi kollha koperti b’dan ir-Regolament ***fit-territorju*** ta’ kull Stat Membru. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru korp indipendenti wieħed jew aktar.*** |

Or. en

**Emenda 471**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***l-korp ta’ sorveljanza indipendenti*** | 1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***hemm fis-seħħ mekkaniżmi effettivi biex*** |

| | |
|---|---|
| ***jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni*** tar-Regolament ***fil-portijiet*** marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***dwar it-territorju*** ta' kull Stat Membru. | ***jipproċessaw l-ilmenti li jiġu mill-applikazzjoni*** tar-Regolament ***għall-portijiet*** marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***fit-territorju*** ta' kull Stat Membru. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew aktar biex jipproċessaw it-tipi differenti ta' lmenti jew biex ikopru żoni ġeografiċi differenti.*** |

Or. en

**Emenda 472**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jaraw li l-korp ta***' ***sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'***dan ir-Regolament ***dwar it-territorju ta' kull Stat Membru***. | 1. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu miżuri xierqa, skont il-liġi Ewropea u dik nazzjonali biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni xierqa ta***' dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 473**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-Istati Membri għandhom jaraw*** li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***dwar it-territorju ta' kull Stat Membru***. | 1. ***Fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u r-Regolamenti nazzjonali, kull Stat Membru għandu jara*** li l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***fit-territorju tiegħu***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korp ta' sorveljanza Ewropew għandu jsolvi t-tilwimiet u l-litigazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi b'imbarkazzjoni minn naħa għal oħra. Għalkemm ir-Regolament ikopri t-territorju Ewropew kollu kemm hu, kull pajjiż jista' jinterpreta d-dispożizzjonijiet xi ftit differenti, li jwassal għal problemi potenzjali meta l-kwistjoni tkun tinvolvi pajjiżi ġirien.*

**Emenda 474**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Istati Membri għandhom jaraw li ***l-korp ta' sorveljanza indipendenti*** jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***dwar it-territorju ta'*** kull Stat Membru. | (1) L-Istati Membri għandhom ***jaħtru l-korp ta' sorveljanza pubbliku indipendenti u*** jaraw li ***dan*** jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament ***fit-territorju ta'*** kull Stat Membru. |

Or. ro

**Emenda 475**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jaraw li kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandha d-dritt li tippreżenta lment kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda, jew hija mgħarrfa kif tagħmel dan, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 476**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***2. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. Il-korp ta' superviżjoni indipendenti għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 477**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. ***Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu*** jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati ***mas-superviżjoni*** u ***l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament u*** l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. ***Il-korp ta' superviżjoni*** indipendenti ***għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod*** imparzjali u trasparenti u | 2. ***Is-sorveljanza indipendenti għandha tkun imwettqa b'mod li*** jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati ***mal-ipproċessar tal-ilmenti*** u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. ***Is-sorveljanza*** indipendenti ***għandha tkun*** imparzjali u trasparenti u ***għandha tirrispetta kif*** dovut ***id-dritt*** li n-negozju jitwettaq liberament. |

***bir-rispett*** dovut ***għad-dritt*** li n-negozju jitwettaq liberament.

Or. en

**Emenda 478**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom.*** L-Istati Membri ***li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom*** għandhom jaraw li ***ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni u l-monitoraġġ*** ta' dan ir-Regolament ***u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. Il-korp ta' superviżjoni indipendenti għandu jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.*** | 2. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandha d-dritt li tippreżenta lment kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont id-dispożizzjonijiet*** ta' dan ir-Regolament**.** |

Or. en

**Emenda 479**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-awtorità ta' sorveljanza tista' tieħu deċiżjonijiet awtonomi, independentement minn kwalunkwe korp politiku u li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha riżorsi umani u finanzjarji adegwati*** |

| | |
|---|---|
| | ***sabiex twettaq l-obbligi tagħha.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjonijiet addizzjonali biex jiżguraw l-indipendenza tal-korpi ta' sorveljanza.*

**Emenda 480**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jaraw li kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandha d-dritt li tippreżenta lment kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda, jew hija mgħarrfa kif tagħmel dan, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 481**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 482**
**Georgios Koumoutsakos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn*** kwalunkwe parti b'interess leġittimu ***kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati*** mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 3. ***L-Istati Membri għandhom jaraw li*** kwalunkwe parti b'interess leġittimu ***għandha d-dritt li tippreżenta lment li jkun relatat*** mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, u tkun mgħarrfa dwar kif tagħmel dan***. |

Or. en

**Emenda 483**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-korp*** ta' ***sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta'*** dan ***ir-Regolament***. | 3. ***L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar liema mekkaniżmi u proċeduri qed jintużaw jew qegħdin fis-seħħ biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2*** ta' dan ***l-Artikolu sa mhux aktar tard minn tnax il-xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u dwar kwalunkwe modifika fihom***. |

Or. en

**Emenda 484**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 485**
**Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 486**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 487**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li*** | ***imħassar*** |

***oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.***

Or. en

**Emenda 488**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, ***il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat*** Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat ***it-tiwima***, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima. | 4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, ***l-Istat*** Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat ***it-tilwima***, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima. ***L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 489**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 490**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korp ***ta'*** sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 5. ***Fil-każ li jiġi ppreżentat ilment formali minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu,*** il-korp ***rilevanti li jipprovdi*** sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 491**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 5. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-fornituri ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***L-Istat Membru rilevanti għandu jagħmel l-isforzi neċessarji biex jiżgura li l-korpi maniġerjali jikkooperaw mal-korp ta' sorveljanza għal dan il-għan.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjoni addizzjonali biex tiżgura l-effettività tal-korp ta' sorveljanza.*

**Emenda 492**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 493**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 494**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 495**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u uniformi fil-ġudizzju ta' litigazzjonijiet li oriġinaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tidentifika korp Ewropew li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu vinkolanti għall-partijiet interessati. Dan il-korp Ewropew għandu jieħu ħsieb kwistjonijiet li l-fergħat nazzjonali tiegħu ma jkunux kapaċi jsolvu minħabba li jinqabżu l-limiti tal-fruntieri territorjali/tal-ġurisdizzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 496**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 497**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 498**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-korp ***ta'*** sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta ***lill-kumitat*** konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat ***meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim***. | 7. ***Meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim,*** il-korp ***rilevanti li jipprovdi*** sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta ***lil dawk il-membri tal-kumitat*** konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat ***li huma affettwati mill-ilment jew it-tilwima***. |

Or. en

**Emenda 499**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollhom effett vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 500**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jkollhom effett vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 501**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ***ta'*** sorveljanza indipendenti għandu ***jkollhom effett*** vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika. | 8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ***rilevanti li jipprovdi*** sorveljanza indipendenti għandu ***jkollu effetti*** vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika. |

Or. en

**Emenda 502**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkoopera mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni rilevanti fit-twettiq tal-obbligi tiegħu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu jkunu ħadmu preċedentement fuq l-istess kwistjonijiet jew kwistjonijiet simili għal dawk tal-korpi ta' sorveljanza, u r-relazzjoni ta' suċċess u l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom ikunu kostruttivi.*

**Emenda 503**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni*** | ***imħassar*** |

***għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha.***

Or. en

**Emenda 504**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***bl-identità tal-korpi*** ta' ***sorveljanza indipendenti*** sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Lulju 2015*** u dwar kwalunkwe modifika ***fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha.*** | 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***dwar liema mekkaniżmi u proċeduri qed jintużaw jew qegħdin fis-seħħ biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2*** ta' ***dan l-Artikolu*** sa mhux aktar tard ***minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament*** u dwar kwalunkwe modifika ***fihom.*** |

Or. en

**Emenda 505**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***bl-identità tal-korpi*** ta' ***sorveljanza indipendenti*** sa mhux aktar tard mill-1 ta' ***Lulju 2015*** u dwar kwalunkwe modifika ***fiha***. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ***ta'*** sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha. | 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***bil-mekkaniżmi u l-proċeduri li qegħdin fis-seħħ biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2*** ta' ***dan l-Artikolu*** sa mhux aktar tard mill-1 ta' ***Lulju 2018*** u**,** dwar kwalunkwe modifika ***fihom***. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ***rilevanti li jipprovdu*** sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha. |

Or. en

**Emenda 506**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Lulju 2015*** u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha. | 9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard ***minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*** u dwar kwalunkwe modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti fuq il-websajt tagħha. |

Or. en

**Emenda 507**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Il-korpi li jipprovdu sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm huwa meħtieġ għall-applikazzjoni koerenti ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tappoġġjahom f'dawn il-kompiti.*** |

Or. en

**Emenda 508**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' fi*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalunkwe żmien titlob iktar informazzjoni lill-entitajiet tal-ġestjoni jew lill-fornituri tas-servizzi portwarji fir-rigward tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-regolament, u tista' tibda proċedura ta' ksur kontra l-Istati Membri.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tiżdied diżpożizzjoni ta' salvagwardja f'każ li l-entitajiet ta' notifika ma jkunux wettqu r-rwol tagħhom li jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regoli u jispeċifikaw d-dritt tal-Kummissjoni u li huwa stipulat fit-Trattati ta' bidu tal-proċeduri ta' ksur.*

**Emenda 509**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti*** | |
| ***1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.*** | |
| ***2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba*** | |

***sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.***

***3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.***

***4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.***

***5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).***

Or. en

**Emenda 510**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti*** | |
| ***1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.*** | |
| ***2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.*** | |
| ***3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.*** | |
| ***4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-*** | |

***Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.***

***5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).***

Or. en

**Emenda 511**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti*** | |
| ***1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.*** | |
| ***2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-*** | |

***investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.***

***3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.***

***4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.***

***5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Permezz tal-kooperazzjoni tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti f'netwerk wieħed, tidgħajjef*

*l-istruttura federali tal-UE. L-iskambju tal-informazzjoni u tad-dejta huwa rregolat totalment b'mod inadegwat meta wieħed iżomm f'moħħu l-esperjenzi mal-NSA. Madankollu, l-istruttura federali hija element bażiku tal-UE, li ma tistax issirlu ħsara. Il-Kunsill Federali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja diġà rrimarka dan fl-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' regolament, u spjega l-pożizzjoni ta' rifjut tiegħu b'dan il-mod.*

**Emenda 512**
**Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti*** | |
| ***1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.*** | |
| ***2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.*** | |
| ***3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-*** | |

*Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.*

*4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.*

*5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).*

Or. it

**Emenda 513**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti*** <br> ***1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan,*** | |

*għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.*

*2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.*

*3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.*

*4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.*

*5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti.*

***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22(2).***

Or. pl

**Emenda 514**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti | Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti ***u l-Awtorità Superviżorja Ewropea*** |

Or. fr

**Emenda 515**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni ***uniformi*** ta' ***dan ir-Regolament***. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem***, tikkoordina*** u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk. | 1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni ***armonizzata*** ta' ***din id-Direttiva***. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*In-netwerk ta' skambju għandu jibqa' informali għalkollox sabiex jitjiebu l-iskambji bejn l-amministraturi. Il-Kummissjoni Ewropea, jekk tista' tipparteċipa fl-iskambji tiegħu, ikollha*

*biss dritt ta' skrutinju.*

**Emenda 516**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korpi ta' sorveljanza ***indipendenti*** għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien ***f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena***. Il-Kummissjoni għandha ***tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk***. | 1. Il-korpi ta' sorveljanza ***differenti maħtura skont l-Artikolu 17*** għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien. Il-Kummissjoni għandha ***tappoġġja u tiffaċilita l-kooperazzjoni***. ***Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun qed tiġi skambjata għandha tiġi rrispettata.*** |

Or. en

**Emenda 517**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja ***l-ħidma*** tan-netwerk. | 1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja ***finanzjarjament il-ħidma*** tan-netwerk. |

Or. en

**Emenda 518**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Tinħoloq Awtorità Superviżorja Ewropea inkarigata mill-koordinazzjoni u s-superviżjoni tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher li tkun utli superviżjoni, fil-livell Ewropew, tal-korpi ta' sorveljanza nazzjonali.*

**Emenda 519**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata ***mat-twettieq*** ta' dawk ix-xogħlijiet. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun ***neċessarja u*** proporzjonata ***mat-twettiq*** ta' dawk ix-xogħlijiet. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea għandu jkun ristrett għal dritt ta' skrutinju fuq l-iskambji tal-korpi indipendenti u b'rabta stretta mal-kompiti mogħtija lilha.*

**Emenda 520**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu ***lill-Kummissjoni*** bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba ***mill-Kummissjoni*** għandha tkun proporzjonata ***mat-twettieq*** ta' dawk ix-xogħlijiet. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu ***lill-Awtorità Superviżorja Ewropea*** bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba ***mill-Awtorità Superviżorja Ewropea*** għandha tkun proporzjonata ***mat-twettiq*** ta' dawk ix-xogħlijiet. |

Or. fr

**Emenda 521**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti***,*** mill-korp maniġerjali tal-port ***jew mill-korp ta' sorveljanza indipendenti*** quddiem korp tal-appell li ***hija*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. | 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti ***jew*** mill-korp maniġerjali tal-port quddiem korp tal-appell li ***huwa*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. |

Or. en

**Emenda 522**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu ***għandu jkollha d-dritt li*** tappella kontra ***d-deċiżjonijiet jew il-miżuri*** individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill- | 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu ***tista', skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 263(4) TFUE,*** tappella kontra ***deċiżjoni jew miżura*** individwali meħuda |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port ***jew mill-korp ta' sorveljanza indipendenti*** quddiem korp tal-appell li ***hija*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. | skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti ***jew*** mill-korp maniġerjali tal-port quddiem korp tal-appell li ***huwa*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. |

Or. en

**Emenda 523**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew mill-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** quddiem korp tal-appell li ***hija*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. | 1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew mill-korp ***pubbliku kompetenti*** quddiem korp tal-appell li ***huwa*** indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti. |

Or. pl

**Emenda 524**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' ***Lulju 2015*** u | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' ***Lulju 2018*** u |

| | |
|---|---|
| għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom. | għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom. |

Or. en

**Emenda 525**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Lulju 2015*** u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom. | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard ***minn 3 snin wara d-dħul fis-seħħ*** u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom. |

Or. en

**Emenda 526**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 21* | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta'*** | |

***żmien indefinit.***

***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. en

**Emenda 527**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 21*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet*** | |

***stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.***

***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. en

**Emenda 528**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 21*** | ***imħassar*** |

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.***

***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. es

**Emenda 529**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 21*** | ***imħassar*** |
| ***L-eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.*** | |
| ***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** | |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-prattika, din id-dispożizzjoni tagħti lill-Kummissjoni d-dritt li tinterferixxi fin-nollijiet ippubblikati mill-maniġment tal-port. L-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' atti ddelegati f'dan il-qasam jista' jikser l-awtonomija tal-korpi tal-maniġment tal-port u jikkontradixxi l-prinċipju tal-libertà ekonomika.*

**Emenda 530**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta***' żmien indefinit***. | (2) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta***' ħames snin minn [OPOCE, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa ddelegata mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa titwal taċitament għal perjodi ta' durata identika, sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għal tali estensjoni sa mhux anqas minn tliet xhur qabel ma jagħlaq l-imsemmi perjodu.*** |

Or. ro

**Emenda 531**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il- | Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il- |

każ, bi proposti rilevanti.

każ, bi proposti rilevanti.

***Fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. Jekk ikun il-każ, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposti rilevanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet involuti kollha, inkluż l-utenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija jkopru ħafna mill-attivitajiet fiż-żona tal-port. L-esklużjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 11, tillimita ħafna l-kamp ta' applikazzjoni. Sabiex dawk l-eċċezzjonijiet jiġu mmonitorjati mill-qrib, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar dan fi żmien sentejn. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-esklużjoni tfixkel is-suq, din għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 532**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' ***dan ir-Regolament***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett*** ta' ***dan ir-Regolament,*** akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. | ***Għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-funzjonament u l-effetti ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta żewġ rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' ***din id-Direttiva***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' ***nofs it-terminu u fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandha tippreżenta tieni rapport*** akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. ***Dawn ir-rapporti għaandhom iqisu l-progress milħuq u jispiraw opinjonijiet maħruġa mill-kumitat għad-djalogu soċjali fis-settur*** |

***portwarju.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher meħtieġ li jiġu iklużi l-opinjonijiet tal-imsieħba soċjali fl-abbozzar tar-rapporti li jmiss sabiex tiġi infurzata l-leġittimità tal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea fil-parti soċjali tagħha.*

**Emenda 533**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. | ***Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ppreżentati żewġ rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ***ta' nofs it-terminu u mhux aktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. ***Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-progress li nkiseb mill-kumitat ta' djalogu soċjali settorjali.*** |

Or. en

**Emenda 534**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett*** ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. | ***Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-funzjonament u l-effett ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ppreżentati żewġ rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll analiżi ta' politiki doganali madwar il-portijiet tal-UE li jistgħu jwasslu għal tfixkil tal-kompetizzjoni.*** Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' ***nofs it-terminu u mhux aktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta'*** dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport*** akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. ***Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-progress li nkiseb mill-kumitat ta' djalogu soċjali settorjali.*** |

Or. en

**Emenda 535**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw is-servizzi ta' pilotaġġ mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II għal perjodu ta' sentejn.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jingħataw sentejn addizzjonali biex jiżguraw li l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jiġu introdotti b'mod totali, mingħajr ma jaffettwaw l-effettività u s-sikurezza tas-servizz.*

**Emenda 536**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 24a*** |
| | ***Traspożizzjoni*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sentejn wara l-adozzjoni], id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentarji u amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri minn [sentejn wara l-adozzjoni].*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda ta' Artikolu dwar it-traspożizzjoni fil-qafas tal-bidla tar-regolament f'Direttiva.*

**Emenda 537**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Dan għandu japplika b'effett minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex ċar meta r-Regolament se jiġi adottat b'mod formali, għalhekk mhuwiex xieraq li titpoġġa data fissa għall-applikazzjoni effettiva tiegħu.*

**Emenda 538**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2015.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 539**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu japplika b'effett mill-1 ta' ***Lulju 2015***. | Għandu japplika b'effett mill-1 ta' ***Lulju 2018***. |

Or. en

**Emenda 540**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu japplika b'effett mill-1 ta' ***Lulju 2015***. | Għandu japplika b'effett mill-1 ta' ***Lulju 2018***. |

Or. pl

**Emenda 541**
**Karim Zéribi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 542**
**Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.*** | ***imħassar*** |

Or. it